



2024/1698

26.6.2024

## DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1698

tal-14 ta' Diċembru 2015

**dwar 1-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.
- (2) Għalhekk, il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, innegozjat Ftehim mar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Ftehim ġie inizjalat fis-27 ta' Frar 2015.
- (3) L-għan tal-Ftehim huwa li jgħib il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn tmien Stati Membri u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh fkonformità mal-liggi tal-Unjoni.
- (4) Għalhekk, jinħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.
- (5) Sabiex il-benefiċċċi tal-Ftehim iseħħu malajr kemm jista' jkun, dan għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

### Artikolu 3

Sa meta jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestitja tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-ġhan (').

(') Id-data li fiha l-Ftehim ikun applikat b'mod provviżorju tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffijċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. ETGEN

---